**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Nru 2973**

**Illum: 23 ta' Frar, 2024**

**Chairman: Sur Joseph Gerada**

Każ Numru 3907/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

**Matthew Degiorgio (K.I. 34481M)**

**U**

**Air Malta PLC (C2685)**

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT**

## Introduzzjoni

Il-każ kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 8 ta' Ottubru, 2020 permezz ta' l-avukat Dr Andre' Portelli f'isem il-kaptan Matthew Degiorgio. Minn naħa l-oħra is-soċjetà' Air Malta plc irrispondit fiz-19 ta' Novembru, 2020 permezz ta' l-avukati Dr Ron Galea Cavallazzi u Dr Edward Mizzi.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeċidi il-każ fil-perjodu stipulat mill-liġi minħabba id-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

L-appellant kien bdot tal-kumpanija nazzjonali l-Air Malta plc fuq kuntratt indefinit. Nhar il-5 ta' Gunju, 2020 huwa flimkien ma' oħrajn ingħata l-avviż mis-socjeta'appellata li l-kumpanija kienet sa tittermina l-impjieg ta' numru ta' bdoti inkluż tar-rikorrenti ai termini tar-regolamenti tal-liġi sussidjarja 452.80 dwar sensji kollettivi. Infatti nhar it-8 ta' Gunju, 2020 l-appellant kellu l-impjieg tiegħu terminat.

Ir-rikorrenti jilmenta li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu tammonta għal tkeċċija inġusta u għalhekk talab lit-Tribunal jordna lis-socjeta' appellata biex terga' timpjegah lura u jekk dan ma jkun possibbli takkordja kumpens mistħoq.

Minn naħa l-oħra, s-soċjetà' appellata tikkontendi li l-impjieg tar-rikorrenti ġie terminat mis-soċjetà' intimata minħabba sensji ġenwini u ma sarx b'mod diskriminatorju. Għaldaqstant is-soċjetà' tirreleva li fiċ-ċirkostanzi, l-azzjoni tagħha qatt ma tista' tikkostitwixxi tkeċċija nġusta. B'hekk is-soċjetà' esponenti ċaħdet il-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet magħmula fir-rikors ta' l-appellant.

**<u>Fatti tal-Każ</u>**

Ir-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà Air Malta plc bħala Junior First Officer nhar l-10ta' Ottubru, 2001. Sussegwentement, il-kariga tiegħu mal-kumpanija appellata nbidlet għal dik ta' First Officer nhar it-12 ta' Frar, 2002 u reġgħet inbidlet għal grad ġdid ta' Captain/Commander nhar it-3 ta' Diċembru, 2018.

L-appellant huwa membru tal-Association of Airline Pilots Malta (ALPA) u kien sar membru tal-Kumitat Ezekuttiv tal-istess assoċjazzjoni nhar l-1 ta' Mejju, 2017. Fl-2018 inħatar Vici-President ta' l-assoċjazzjoni, liema kariga baqa' jokkupa sa Settembru ta' 2020.

L-appellant kien preżenti fil-proċess li wassal għas-sensji, fil-fatt, kien il-kelliemi ewlieni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-ALPA waqt il-laqgħat kondotti bejn l-istess membri tal-Kumitat Eżekuttiv, qua r-rappreżentanti tal-bdoti affettwati, u l-kumpanija appellata, ai termini tal-istess regolamenti 452.80.

Fl-2020 il-kumpanija ġiet milquta każin ħafna mill-pandemija tal-Covid 19 tant li wasslet għal xhur fejn it-titjiriet kummerċjali kienu projbiti kif ukoll kien hemm nuqqas drastiku ta' passiġġieri. - Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà' para 32.

Nhar it-12 ta' Marzu, 2020 bdew deħlin ir-restrizzjonijiet statutorji li llimitaw l-ivjaġġar. Fit-18 ta' Marzu, 2020 il-kumpanija ħabbret li mill-20 ta' Marzu, 2020 kienet sa tissospendi s-

servizzi tagħha ta' l-ajru. Nhar l-24 ta' Marzu, 2020 il-kumpanija għajtet laqgħa mar-rappreżentanti tal-unjins kollha inkluż l-ALPA biex jiġu diskussi miżuri temporanji. Dakinhar, l-kumpanija kienet ipproponit miżuri li kienu jimmitigaw il-piż finanzjarju li sabet ruħha fiha l-kumpanija Ref JG 6 sottomissjonijiet tas-soċjetà' para 8. L-għada fil-25 ta' Marzu, 2020 is-soċjetà appellata għarfet b'dawn il-miżuri lid-DIER u anki li dawn il-proposti kienu ukoll maqbula mal-unjins inkluża l-ALPA Ref MDG 7 folio 735. Nhar it-28 ta' Marzu, 2020 l-ALPA kitbet lid-DIER tiċħad li kien hemm xi qbil bejn l-assoċjazzjoni u s-soċjetà' dwar il-proposti tal-kumpanija Ref MDG9 folio 740.

Nhar it-2 ta' April saret laqgħa bejn il-maniġment tal-kumpanija u l-ALPA Ref MDG 10 a-b folio 742-743. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi pendenzi imma l-ALPA insistit li l-miżuri tas-soċjetà' kellhom jinkwadraw ruħhom ukoll fl-isfond ta' garanzija ta' xogħol li l-Gvern ta' Malta kien ta lil ALPA permezz ta' side letter datata 26ta' Jannar, 2018 Ref MDG 3 folio 737.

Permezz ta' avviż datat 7 ta' April, 2020 il-kumpanija kienet innotifikat lil ALPA kif ukoll lid-Direttur Generali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi, bil-ħsieb tagħha li tiddikjara sensji kollettivi ai temini tar-Regolamenti dwar sensji kollettivi Ref LN 452.80. Permezz ta' tali avviż il-kumpanija appellata kienet ddikjarat li kienet bi ħsiebha tittermina l-impjieg ta' 108 bdoti u li żżomm biss 27 Ref MDG 12 folio 758. Minn dak il-jum skattaw l-ewwel 30 jum ta' konsultazzjoni ma' l-ALPA skond ir-regolamenti LN 452.80.

Saru diversi laqgħat bejn id-9 ta' April, 2020 u l-1 ta' Ġunju 2020 bejn l-ALPA u r-rappreżentanti tal-kumpanija ref folio 590-619. Fil-15 ta' April is-soċjetà appellata talbet lid-DIER biex jillimita l-ewwel 30 jum ta' konsultazzjoni liema talba ma gietx accettata. L-istess ma ġietx aċċettat t-talba ta' l-ALPA biex il-perjodu jiġi estiż Ref MDG 13 folio 763.

F'20 ta' April, 2020 l-ALPA intavolat protest ġudizzjarju Ref 87/2020 kontra s-soċjetà' dwar dak li ssejjaħlu nuqqas ta' atteġġjament serju u effikaċi fin-negozjati Ref MDG 14 folio 777.

Fl'4 ta' Mejju, 2020 waqt laqgħa bejn il-manigment u l-ALPA, s-soċjetà' appellata infurmat lil unjin li kienu sa jinżammu 62 FTEs ta' bdoti. Ref folio 497.

Fis-6 ta' Mejju l-ALPA intavolat Mandat ta' Inibizzjoni biex jitkomplew in-negozjati. Dan wassal lil partijiet biex l-għada jaqblu li jitkomplew it-taħdidit u għalhekk kien hemm estensjoni ta' 30 jum ieħor skond ir-regolamenti LN 452.80. Fost il-laqgħat kien hemm waħda mal-Prim Ministru u laqgħat maċ-Chairman tal-kumpanija.

Nhar il-5 ta' Ġunju, 2020, il-kumpanija appellata avżat li 69 bdot inkluż lill-appellant, li l-impjieg tagħhom kien se jiġi tterminat b'effett minn nofs il-lejl u minuta ta' nhar it-8 ta' Ġunju, 2020 Ref MDG 17 folio 797.

Fis- 7 ta' Ġunju, 2020 l-ALPA intavolat mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tas-soċjetà' biex temporanjament twaqqaf is-sensji Ref Mandat ta' Inibizzjoni nr 659/20 TA. Kien hemm ukoll Protest Ġudizzjarju minn għand l-ALPA fejn żammet responsabbli lis-soċjetà' għan-nuqqasijiet tagħha Ref MDG 23 folio 815.

Nhar it-8 ta' Ġunju, 2020 ġew in effett is-sensji kollettivi ta' 69 bdot.

Id-diskussjonijiet bejn il-partijiet tkomplew anki wara li daħlu fis-seħħ is-sensji u nhar l-1 ta' Lulju u nhar id-9 ta' Lulju, l-ALPA ingħatat kopja tal-lista tal-bdoti li kienu ġew issensjati.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal kellu quddiemu każ fejn ir-rikorrenti lmenta li ġie mkeċċi inġustament mill-impjieg tiegħu għaliex ingħata s-sensja meta hu qed jallega li ma kellux ikun inkluż fil-list ta' 69 bdot issensjati skond l-informazzjoni mgħotija mill-kumpanija. Ma' dan iżied li l-kumpanija appellata naqset li tforni nformazzjoni effettiva lir-rikorrent tramite l-employee representatives li minħabba f'hekk żvantaġġjatu milli jagħmel l-aħjar proposti lil l-kumpanija biex isalva l-impjieg tiegħu.

Minn naħa l-oħra il-kumpanija appellata ssostni li s-sensji mgħotija kienu ġenwini, applikat il-prinċipju tal-last in first out skond il-liġi kif ukoll segwit ir-regolamenti 452.80 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll irrispettat il-ftehim kollettiv fis-seħħ meta saru s-sensji. Il-kumpanija żied li f'ebda ħin ta' kien hemm xi diskriminazzjoni mill-kumpanija fil-konfront tar-rikorrent.

<u>Terminazzjoni u notifika ta' sensja (redundancy)</u>

It-Tribunal ried jibda billi jħares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu 'sensja' – "redundancy".

Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta ma' jagħtix definizzjoni ta' sensja "redundancy" iżda l-ġurisprudenza Maltija u barranija toffri għarfien sostanzjali dwar dan.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.13 jgħid li;

*A dismissal shall be for reason of redundancy if it is wholly or mainly attributable to:*
*(a) The fact that the employer has ceased, or intends to cease, to carry on that business for the purpose for which the employee was employed; or*

*(b) The employer has ceased or intends to cease to carry on that business in the place where the employee was employed; or*
*(c) The fact that the requirements of that business for employees to carry out work of a particular kind, or for them to carry out that work in the place where they were so employed, have ceased or diminished or are expected to cease or diminish.*

Ma' dan irid jingħad li l-piż tal-provi li s-sensji kienu ġenwini jaqgħu fuq il-prinċipal. Ref – Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.12.

Covid 19 u l-effett fuq il-kumpanija.

L-esponenti soċjetà tirreleva li l-operat tal-kumpanija kien ġie stultifikat minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u għalhekk kellhom jittieħdu miżuri mill-awtoritajiet. It-tnaqqis fl-operat ma kienx riżultat ta' xi deċiżjoni li ttieħdet mill-kumpanija imma xorta waħda kellha tirriorganizza l-operat tagħha mill-ġdid bħala reazzjoni għal bidla ta' taħt fuq fis-suq u tfassal pjan biex l-operat jibqa' ħaj kemm iddum il-pandemija u jkun vijabbli wara li tkun għaddiet.

Tant li fir-rigward tal-impjegati, dan il-pjan fisser illi minħabba tnaqqis fl-operat il-kumpanija ma kellhiex bżonn il-bdoti kollha li kienu mpjegati magħha dak iż-żmien. Għalhekk, il-kumpanija kellha tiġbed żewġt ihbula – minn naħa waħda kellha tipprova ssalva l-operat tagħha, u mill-oħra tipprova ssalva kemm jista' jkun impjiegi biex taqdi l-iskeda tal-operat waqt il-pandemija u tkun kapaċi tirreagixxi immedjatament f'każ ta' żieda fix-xogħol hekk kif ittaffi l-pandemija. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 10,11,12,13.

Minn naħa l-oħra r-rikorrent ma jikkontestax il-bżonn li jsiru s-sensji imma jilmenta dwar il-klassifikar ta' dawk identifikati biex jingħataw is-sensji u n-nuqqas ta' informazzjoni minn naħa tas-soċjetà' li minħabba f'hekk, żvantaġġjatu milli jagħmel il-każ tiegħu mal-kumpanija appellata. Sottomissjonijiet verbali pagna 5.

Id-dipartiment ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali approva l-bidu tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sensji proposti mis-soċjetà – Ref Folio 55 u aktar tard anki approva l-estensjoni tal-perjodu ta' konsultazzjoni għal 30 jum ieħor – Ref folio 785.

L-evidenza hija ċara biżżejjed biex it-Tribunal jikkonkludi li l-proposta' għat-terminazzjoni ta' l-impjiegi minn mas-soċjetà minħabba raġuni ta' redundancy kienet waħda ġenwina. Ma' dan wieħed iżid li f'każijiet ta' sensji il-fatt li r-raġuni kienet waħda ġenwina mhux biżżejjed. Id-deċiżjoni tas-sensji ma tridx biss tkun waħda ġenwina imma ġusta ukoll. Għalhekk it-Tribunal għadda biex jissindika l-elementi li jikkostitwixxu tkeċċija ġusta skond il-liġi.

L-għoti tas-sensji skond il-liġi.

Il-prospett ta' sensji hija sitwazzjoni diffiċli ħafna kemm għal l-impjegati kif ukoll għal prinċipal. F'dawn ic-cirkostanzi l-prinċipal irid joqgħod attent ħafna biex jimmaniggja sitwazzjoni bħal din b'ħafna sensittivita' u solidarjetà biex ikun minimizzat kemm jista' jkun, l-impatt negattiv fuq dawk milquta filwaqt li jassigura s-sostenibbilita' tan-negozju.

Għalhekk, l-importanza li s-sensji mhux biss iridu ikunu ġenwini imma ukoll gusti skond il-liġi. Il-liġi sussidjarja 452.80 tpoġġi s-segwenti obbligi fuq il-prinċipal li jkun irid isegwi meta jkun fi ħsiebu jwettaq sensji kollettivi;

1. jgħaddi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha,
2. jagħti r-raġunijiet għas-sensji,
3. jgħaddi in-numru ta' impjegati li hemm il-ħsieb li jingħataw is-sensja,
4. jgħaddi in-numru ta' l-impjegati li normalment timpjega il-kumpanija,
5. jagħti il-kriterji li jkunu qiegħed jiġu proposti biex fuqhom isir l-għażla ta' dawk li jingħataw is-sensja,
6. jagħti d-dettalji dwar il-kumpens dovuti minħabba l-għoti tas-sensji,
7. jindika il-perjodu li tulu sa jingħataw is-sensji.

Selwyn jelabora li;

*Although a redundancy situation may be grounds for dismissal, it does not follow that such a dismissal will automatically be fair.*

Fil-kaz ta' Williams vs Compair Maxam Ltd, it-Tribunal ta' l-Impjiegi Ingliz stabilixxa s-segwenti hames principji ta' prattika tajba ta' relazzjonijiet Industrijali;

a *the employer will give as much warning as possible of impending redundancies so as to enable trade unions and employees to consider alternative solutions and seek alternative employment,*

b *the employer will consult with the unions as to the best means by which the desired objective can be achieved with as little hardship as possible. In particular, the criterion for selection should be agreed, and the actual selection should be made in accordance with the criterion,*

c *the criterion for selection should not depend solely on the opinion of the person making the selection, but should be one which can be objectively checked,*

d *the employer must ensure that the selection is made in accordance with that criterion, and will consider any representsations made,*

*e* *the employer will ascertain whether there is any alternative employment which can be offered.*

Ref – Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.41.

Ghalhekk it-Tribunal ried mhux biss ihares lejn l-obbligi legali li jikkostitwixxu tkeccija gusta imma ukoll, kif dawn l-obbligi gew applikati fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz. Ma’ dan it-Tribunal irid ihares lejn il-mod kif il-principju tar-ragonevolezza, igifieri jekk principal tipiku kienx igieb ruhhu bl-istess mod quddiem sitwazzjoni bhal din , kienx applikat.

L-esponenti soċjetà tirreleva li l-kumpanija kienet;

(i) ġustifikata li tħabbar is-sensji minħabba riduzzjoni fl-operat tal-kumpanija sal-punt illi kellha iktar impjegati milli kellha bżonn;

(ii) segwiet l-obbligi tagħha u d-drittijiet tal-bdoti meta ħabbret l-intenzjoni li jsiru s-sensji u tat l-informazzjoni kollha li kien hemm bżonn, żammet laqgħat u anki għamlet kontro-proposti meta saru xi proposti mill-ALPA; iddiskutiet u kkonsultat mal-kumitat eżekuttiv tal-ALPA, tant illi kienet anki rriduċiet in-numru ta’ bdoti li kien originarjament maħsub li jiġi terminati permezz tas-sensji;

(iii) uriet li tant qed tipprova żżomm il-bdoti fl-impjieg illi kompliet tiddiskuti anki wara li s-sensji saru effettivi.
Ref sottomissjonijiet ta’ l-appellata socjeta para 25.

Is-socjeta’ appellata zzied li hi tat l-informazzjoni kollha mitluba mill-ligi Ref sottomissjonijiet tas-socjeta para 65 u tassertja li mkien ma’ hemm fil-ligi li l-principal irid jghaddi xi lista tal-impjegati li turi liema impjegati ser jigu terminati u dawk li ser jibqghu fl-impjieg – Ref sottomissjonijiet tas-socjeta’ para 66 (b).

Minn naha l-ohra, r-rikorrenti jargumenta li fil-verita’ ma kienx hemm process ta’ konsultazzjoni effettiva ghaliex jallega vjolazzjoni tal-obbligi tal-kumpanija intimata li tottempra ruhha mal-obbligi sostantivi naxxenti mir-regolamenti 452.80. b’mod li gew lezi d-drittijiet tal-employee represenatives, kif ukoll dawk tar-rikorrenti innifsu. Ir-rikorrenti jallega ukoll applikazzjoni skorretta tal-informazzjoni li l-kumpanija intimata, ghazlet li tipprovdi lill-employee representatives qabel u waqt il-perjodu ta’ konsultazzjoni, liema applikazzjoni ssarrfet fl-eskluzzjoni tar-rikorrent mill-parametri indikati mill-kumpanija stess u ghaldaqstant, fit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu.

Ir-rikorrenti jilmenta li s-socjeta’ ghaddit lista ta’ dawk li kienu sa jigu ssensjati lid-DIER nhar is-16 ta’ April, 2020 imma mhux lil l-employee representatives. Dan minkejja li s-socjeta’ weghdet li taghmel dan meta avzat lid-DIER nhar is- 7 ta’ April, 2020 li kien fi hsiebha taghti s-sensji. Ir-rikorrenti jkompli jilmenta li l-lista propja li finalment intuzat biex isiru s-sensji

inghatat lil-employee representatives wara li inghataw is-sensji meta skond ir-rikorrenti, s-socjeta’ kellha l-obbligu li taghmel dan qabel u mhux wara li saru s-sensji.

Konsultazzjoni

Huwa stat ta’ fatt illi s-socjeta’ appellata intlaqtet minn sitwazzjoni bla precedent li affettwat serjament in-negozju u anki l-viabilita’ u s-sostenibbilita taghha. Ghalhekk quddiem sitwazzjoni incerta u li tinbidel minn jum ghal iehor kellha tiehu decizjonijiet pjuttost drastici fosthom is-sensji kollettivi. Izda minkejja li s-sensji kollettiv huwa il-kuntest ta’ dan il-kaz, xejn ma jnaqqas mil l-fatt li dan il-kaz jirrigwarda l-interessi ta’ haddiem partikolari. Ghalhekk xorta jibqalu d-dritt li c-cirkostanzi partikolari tieghu ikunu kkonsidrati, f’dan il-kaz jekk it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu, saritx b’mod gust skond ir-regolamenti tal-kap 452.80.

Kien hemm laqgha ta’ l-24 ta’ Marzu, 2020 bejn il-unjins u s-senior management fejn thabbru mizuri fid-dawl tal-pandemija u segwita minn ittra lid-DIER fejn talbu l-approvazzjoni tad-dipartiment biex jiddahhlu l-mizuri imsemmija. Saret laqgha ohra fit-2 ta’ April, 2020 minhajr konkluzjoni materjali. Fis-7 ta’ April, 2020 thabbru s-sensji mill-kumpanija u bdew il-konsultazzjonijiet ufficjali.

Filwaqt li s-socjeta’, f’dan l-istadju bikri pprovdit l-informazzjoni dwar il-krizi tal-pandemija u anki elenku tal-mizuri li kienet qed tipproponi, iz-zmien ta’ diskussjoni kif mifhum fil-ligi sussidjarja 452.96, partikolarment art 4 (2) kien pjuttost qasir biex ikun utli fic-cirkostanzi. Minn naha l-ohra it-Tribunal jifhem ukoll li f’cirkostanzi straordinarji u volatili, konsultazzjoni effettiva hija sfida u filwaqt li tibqa’ obbligu, minn naha l-ohra certu heffa fil-process m’ghandux jitqies nuqqas ta’ rieda biex tikkonsulta. Ref sottomissjonijiet tas-socjeta’ para 9. Ref MDG 7-8 folios 735 – 738.

Wara li thabbru s-sensji kien hemm izjed laqghat bejn id-9 ta’ April u l-1 ta’ Gunju, 2020. Is-socjeta’ tghid li kien hemm konsultazzjoni tant li l-kumpanija anki kienet irceviet proposti u suggerimenti dwar il-proposti originali tal-kumpanija liema proposti ddiskutithom mar-rapprezentanti ta’ l-impjegati. Tant li s-socjeta’ anki ghamlet kontro proposti – Ref sottomissjonijiet tas-socjeta’ para 113 – 114.

L-ALPA ilmentat li l-manigment ma kienx interessat jiddiskuti l-garanzija tax-xoghol mghotija mill-Gvern u anki ghal fatt li s-socjeta’ riedet tiddiskuti l-kundizzjonijiet tax-xoghol fid-dawl tal-krizi imma ukoll ghal l-futur tal-kumpanija. L-assocjazzjoni dehrilha li ma kienx il-mument ghal talba bhal din u minflok in-negozjati kellhom jiffukaw esklussivament fuq il-mod kif setghu jigu eliminati s-sensji. L-ALPA ilmentat ukoll li s-CEO ma kienx il-persuna li kien qed imexxi l-laqghat u anqas ikun preżenti għan-negozjati ma’ l-ALPA.

It-Tribunal irid ifakkar li l-garanzija tax-xoghol inghatat mill-Gvern independentament mill-kumpanija liema arrangament, l-ALPA kienet kuntenta bih. Ghalhekk is-socjeta' kellha kull ragun tirrifjuta li tiddiskuti il-garanzija tax-xoghol anki jekk dan l-istrument kien fattur principali fl-istrategija tan-negozjar ta' l-ALPA Ref sottomissjonijiet tas-socjeta' para 16.

Ilment iehor ta' l-ALPA kien il-fatt li l-manigment ried jiddiskuti il-kundizzjonijiet tax-xoghol fid-dawl tal-krizi ta' l-avjazzjoni u t-thejjijjiet tal-kumpanija biex tirristruttura bil-hsieb ta' sostenibbilita' ghal futur. Huwa ragonevoli li meta jkun iffaccjat b'sitwazzjoni ta' krizi, principal ihares lejn u jiddiskuti mal-Unjins il-possibilita' ta' tnaqqis fl-ispejjes marbuta mal-payroll u kundizzjonijiet ohra. Il-ligi sussidjarja 452.96 tghid b'mod car li:

> (4) *The employer must provide the information and consultation representatives with information on:*
> *(b) the situation, structure and probable development of employment within the undertaking and on any anticipatory measures envisaged, in particular, where there is a threat to employment within the undertaking.*

Ghalhekk kellha ragun is-socjeta' tintroduci dan l-aspett fin-negozjati ma' l-ALPA u ma tillimitax lilha nnifisha biss ghas-sensji.

It-Tribunal ukoll ifakkar li l-partijiet ghandhom il-liberta kollha li jahtru lil min iridu biex jirrapprezenthom waqt in-negozjati. Tant li meta l-manigment ghamel kummenti dwar ir-rapprezentanti ta' l-ALPA waqt diskussjonijiet li saru wara s-sensji, l-ALPA gustament ilmentat dwar dan mal-manigment. F'dan ir-rigward, il-principju jghodd ghaz-zewg nahat u s-socjeta' kellha d-dritt ma tibghatx lis-CEO biex imexxi n-negozjati mal-Unjin.

Saru aktar laqghat f' 4, 6, 12, 18 ta' Mejju, 2020 u anki laqgha mal-Prim-Ministru fl-14 ta' Mejju. Saret ukoll laqgha fl-1 ta' Gunju mac-chairman tal-kumpanija fejn l-ALPA tghid li c-chairman qalilhom li l-kwistjoni principali ma' kienux is-salarji imma l-iskema ta' rtirar mix-xoghol kmieni. L-ALPA tghid li c-chairman kien qalilhom ukoll li l-kumpanija ma kienitx sa tipprocedi bis-sensji fid-dawl tal-pjanijiet godda ghal kumpanija. Hawn il-partijiet iffirmaw non disclosure agreement u fit-tieni laqgha mac-chairman fit 2 ta' Gunju saret minhajr il-prezenza ta' l-avukati.

Minkejja dawn il-laqghat ebda ftehim ma kien intlahaq u fil 5 ta' Gunju, 69 bdoti kienu notifikati mill-kumpanija li l-impjieg taghhom kien sa jkun terminat f'nofs il-lejl tat-8 ta' Gunju 2020. Ma' dan 30 kaptan iehor ircieva avviz tad-demotions taghhom ghal first officers.

It-Tribunal ifakkar li r-regolamenti tal-ligi sussidjarja 452.96 (3) (2)  ghid car li;

*When defining or implementing practical arrangments for information and consultation, the employer and the employees' representatives shall work in a spirit of cooperation and with due regard for their reciprocal rights and obligations, taking into account the interests both of the understaking and of the employees.*

Il-laqghat bejn is-socjeta' appellata u l-ALPA kienu karatterizzati minn atmosfera ta' suspetti f'xulxin li fixklet serjament it-tfittxija ghal soluzzjonijiet effettivi. Dan renda kull negozjati, difficli wisq biex iwasslu ghal rizultati mixtieqa. It-tribunal irid ifakkar fl-importanza kbira li l-investiment kontinwu fir-relazzjonijiet industrijali huma bhal flus fil-bank li jiswew hafna meta l-partijiet jigu ffaccjati bi krizi li tehtieg hidma kongunta biex tkun meghluba b'success.

Kunċett tal-Full Time Equivalent

Fl-industrija ta' l-avjazzjoni jithaddem il-kuncett ta' full time equivalent igifieri is-sieghat mehtiega ta' pilotagg effettiv biex tithaddem l-iskeda ta' titjierit tal-kumpanija. Is-socjeta' appellata tistqarr li riedet izzomm l-ekwivalenti ta' 62 pilota full time ngaggat ghalkemm izzied li minkejja dan effettivament riedet izzomm dak in-numru li kellha bzonn biex taqdi l-iskeda anki jekk finalment ma jaghmlux l-ekwivalenti ta' 62 bdot full time. Ref sottomissjonijiet tas-socjeta' para 73.

Minn naha l-ohra, ir-rikorrenti jilmenta li l-kumpanija effettivament spiccat zammet inqas bdoti biex tkopri dawn is-sieghat.

Dan l-argument, it-Tribunal sa jindirizzah aktar 'l quddiem imma f'dan l-istadju ried ihares jekk effettivament il-principju tas 6.2 full time equivalent kienx il-kejl li s-socjeta' uzat biex qatghat il-linja bejn dawk issensjati u dawk li nzammu fl-impjieg.

It-Tribunal mhux sa jidhol fuq il-persentaggi li s-socjeta' allokat ghax-xoghol effettiv ta' kull bdot ghaliex hija l-prerrogattiva tal-kumpanija kif torganizza s-sieghat tal-haddiema taghha. F'dan is-sens it-Tribunal jaqbel mas-socjeta' li d-decizjoni ta' kemm jinzammu bdoti fl-impjieg hija wahda operazjonali bbazata fuq l-iskeda ppjanata Ref MDG 28 folio 847. Izda galadarba il-full time ekwivalent ikun stabilit dan isir kejl importanti li bih tkun evalwata l-implementazzjoni gusta tas-sensji.

Il-korrespondenza li ghaddit bejn is-CEO il-kaptan Clifford Chetcuti u l-kaptan Kevin Camilleri f'isem l-ALPA datati 28 ta' Ottubru, 2018 jaghmlu referenza ghal 6.2 full time

equivalent bhala standard ta' l-industrija anki jekk dan l-istandard jista jvarja skond it-tip u t-tul ta' vjaggi li jsiru. Ref MDG 29A u 29B folio 852.

Il-full time equivalent jsir referenza ghalih fid-dokument tas-socjeta' appellata MDG 31 folio 860 fejn f'paragrafu 7 jindika li il-full time equivalent sa jonqos minhabba il-Covid 19 u ghalhekk kienu rakkomandati s-sensji. Ref MDG 31 folio 860.

Fil-prezentazzjoni li s-socjeta ghamlet nhar l-4 ta' Mejju, 2020 kienet indikat lil ALPA li kien fi hsiebha thaddem 4 ajruplani fix-xitwa u hamsa fis-sajf u b'fattur ta' 6.2 ghal kull ajruplan u ghalhekk kien sa jkollha bzonn 31 bdot u 31 first officers. Ref MDG 31A folio 882.

Is-socjeta' zzied li hi zammet bizzejjed piloti biex topera l-iskeda taghha ta hames ajruplani. Ref folio 836. Minkejja dan ghas-socjeta' l-*full time equivalent* ivarja skond l-istess skeda.

L-Alpa fil-minuti li pproducit bid-data ta' l-4 ta' Mejju, 2020 Ref folio 611 ic-Chief Financial Officer jikkonferma iz-zamma ta' 62 *full time equivalent* Ref folio 613.

F'laqgha ohra bejn il-kumpanija u l-Alpa nhar is-6 ta' Mejju, 2020 il-konsulent legali tas-socjeta' jistqarr li jekk ma jintlahaqx ftehim mal-Unjin, il-kumpanija kienet sa taghti s-sensji lil piloti kollha filwaqt li zzomm l-ekwivalenti ta 62 pilota. Folio 616.

Fis-seduta tas 17 ta' Settembru, 2020, il-kap tar-rizorsi umani tas-socjeta' jikkonferma li l-kumpanija kienet infurmat lil Alpa li kienet sa zzomm l-ekwivalenti ta 62 pilota. Izied li mhux kollha kienu sa jkunu fil-produzzjoni. Ref 497.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta' uzatt il-fattur 6.2 bhala standard ghat-titjierit taghha u mxiet ma' dan l-istandard biex tistabilixxi s-sieghat tal-full time equivalent ta' 62 bdot li kellha bzonn biex thaddem l-iskeda taghha wara s-sensji. Ghaldaqstant kien il-kejl li s-socjeta' uzat biex taqta il-linja bejn dawk li gew terminati u dawk mizmuma.

<u>Talba ghal l-lista ta' dawk issensjati</u>

L-Alpa tilmenta li s-socjeta' naqset li tipprovdi lista tal-piloti li kienet sa tissensja minkejja li kienet weghdet li taghmel dan fl-ittra tas 7ta' April 2020. Ref MDG 12 folio 758. Il-Unjin tfakkar li l-uniku lista li qatt irceviet minn ghand is-socjeta' tul il-process ta' konsultazzjoni kienet il-list li receviet nhar id- 9ta' April, 2020 maghzula skond is-sinjorita' tal-bdoti Ref JG 10, MDG 27 folio 845-846 fejn ir-rikorrenti huwa kklassifikat fin-numru 110. Skond ir-rikorrenti, din il-lista kienet *sorted* skond id-date of last engagment u mhux skond 'seniority

in the relevant class' Ref folio 774. Ghalhekk ma kienitx ta' utilita' ghaliha biex tifhem il-kriterji applikati ghas-sensji.

Minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu l-ufficjal tad-DIER ikkonferma li d-dipartiment kien ircieva l-uniku lista tieghu fis-16 ta' April, 2020 seduta tal-25 ta' Gunju, 2021 Ref folio 356 u 472. Din il-lista li kienet tikklassifika lir-rikorrenti fis 67 post kienet inbaghtet permezz ta' emejl mil-kap tar-rizorsi umani tas-socjeta' ikkupjata lid-direttur tad-DIER u lil l-konsulent legali taghha u lic-CEO tas-socjeta', izda mhux lil ALPA. Ref folio 365 pg 26.

*"ma hemmx l-ALPA inkluza " Ref folio 366 pg 276*

Fl'1 ta' Lulju, 2020, l-ALPA ircieviet lista li kopja taghha marret ukoll ghand id-DIER Ref JG 13, MDG 20- 21 folio 804 fejn ir-rikorrenti kien ikklassifikat fis 67 post. Fis-7 ta' Lulju, 2020 giet registrata tilwima ndustrijali mill-ALPA bbazata tal-fatt li l-kumpanija naqset li tipproduci l-lista finali ta' dawk li gew issensjati, flimkien mal-kriterji li ntuzaw ghal l-ghazla.

Fid-9 ta' Lulju, 2020 l-ALPA ircieviet list ohra Ref JG 14 MDG 28 folio 848-850 li ghal darba ohra tikklassifika lir-rikorrenti fis 67 post. Fis-16 ta' Lulju 2020 l-istess assocjazzjoni kitbet lis-socjeta' Ref MDG 26 folio 835 tilmenta li filwaqt li lista bhal din qatt ma kienet ipprezentata lil ALPA matul il-perjodu ta' konsultazzjoni fakkret lil kumpanija fil-weghda li kienet tat li sa zzomm fl-impjieg numru ta' bdoti li jammontaw ghal sieghat ekwivalenti ta' 62 bdot full time. Fl-istess ittra l-ALPA titlob kjarifika partikolari ghal dawk ikklassifikat mil-post 63 sa 70. Ref folio 704 liema klassifika kienet tinkludi lir-rikorrenti.

Is-socjeta' tghid li hi pprovdit lista tas-seniorita' f'April, 2020 u targumenta li dan kien bizzejjed kemm ghaliex il-ligi ma titlobx ghoti ta' listi u anqas ma kien relevanti ghal kaz, ghaliex fil-klassifikazzjoni s-socjeta mxiet kemm mal-ftehim kollettiv art 43 (4) u anki mal-ligi kap 452 (36) (4).

It-Tribunal jinnota li hemm differenza materjali bejn lista li hija *sorted* skond id-data ta' l-ingagg fl-impjieg u lista *sorted* skond l-appointment fil-klassi partikolari li fiha kienu qed isiru s-sensji. Il-lista tas-sinjorita' mghoddija lil ALPA fid-9 ta' April, 2020 Ref 191 kienet tikklassifika lir-rikorrenti fil-110 post filwaqt li dik mghoddija lid-DIER sebghat ijiem wara fis-16 ta' April, 2020 kienet tikklassifika lir-rikorrenti fis 67 post Ref 51. Kien tibdil sinifikanti fil-klassifika u t-Tribunal jistaqsi ghaliex is-socjeta' ghazlet li ma tghaddiex kopja ta' din il-lista? Ghaliex l-Alpa kellha tistenna sa l-1 ta' Lulju, 2020 biex takkwista kopja taghha? Ghazla bhal din kienet biss taghti spjega cara u turi trasparenza tad-decizjoni tas-socjeta' filwaqt li tnaqqas id-dubbji.

Relevanza u s-sustanza tal-lista

It-Tribunal hares ukoll lejn ir-relevanza u s-sustanza ta' l-ilment tar-rikorrent meta jghid li ghax kien privi mill-informazzjoni sab ruhu zvantaggjat biex jaghmel proposti favur il-kaz tieghu. Biex ilment bhal dan ikun konsidrat mit-Tribunal, irid ikun hemm rabta bejn l-ilment u t-telf reali li jkun sofra r-rikorrent. Fi kliem iehor, kemm il darba l-lista kienet fil-pussess ta' l-appellant fiz-zmien propizju, kienet tbiddel il-fatt li hu jigi ssensjat?

> .... there could be a finding that the dismissal was consequential not unfair or that even if it was unfair, no loss was suffered by the employee, and therefore he is not entitled to compensation.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.45

Ir-rikorrenti jghid li l-ilment tieghu kien ghal mod kif gie kklassifikat ma' dawk li gew issensjati u jargumenta li dan kien zball u kellu jigi klassifikat ma' dawk li nzammu fl-impjieg. Ir-rikorrenti jghid li meta qabbel u pparaguna il-listi sab diversi differenzi fil-valuri abbinati ma' certu persuni li setghu materjalment jaghmlu differenza ghal l-impjieg tieghu. Fosthom li l-bdoti JM u EC kellhom valur ta' 1 fil-lista ta' l-1 ta' Lulju filwaqt abbinati valur ta 0.3 fil-list tad 9 ta' Lulju. L-istess ghal bdot EA minn valur ta' 0.5 jizdied ghal valur ta' 1 u l-bdot MM li minn valur at 1 jinzel ghal valur ta' 0.4.

Ma' dan l-ALPA zzied li l-bdot SG kien medically grounded ghal l-ahhar sentejn u l-ALPA kellha diffikulta tifhem kif seta kellu valur ta' 1 abbinat mieghu meta ma' kien qed itajjar l-ebda ajruplan. Kien hemm ukoll dubbju dwar il-bdot AM li ghalkemm kien impjegat tas-socjeta' kien qed iservi ta' CEO mal-Malta Med Air. Minkejja dan, xorta kien abbinat valur ta' 1 fil-listi mghoddija. Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti para 34-35.

Ma' dan kien hemm ukoll l-uniku first officer li qatt ma sar kaptan u ghalhekk kellu l-ghola seniorita' li ukoll kellu jigi konsidrat fil-full time equivalent. Ref Sottomissjonijiet tar-rikorrenti pargrafu 34. Ref sottomissjonijiet tas-socjeta' para 85.

Fis-sottomissjonijiet taghha s-socjeta f'paragrafu 96 tispjega d-diversi cirkostanzi ta certu bdoti li kellhom il-valur inqas minn wiehed u zzied f'paragrafu 97/98 li il-valur wiehed ta' bdot full time ma jibqax l-istess diment illi l-kumpanija tbiddel l-iskeda taghha ghax, f'dak il-kaz, jew trid izzid in-numru ta' piloti jew tnaqqas, skont il-bidla li ssir fl-iskeda. Dan ifisser illi 1.0 FTE huwa relattiv ghall-iskeda li tkun qed topera l-kumpanija.

Ic-cirkostanzi personali ta' diversi bdoti kellhom effett fuq il-valuri abbinati, li allura irruzultaw disprepanzi bejn il-lista ta' l-1 ta' Lulju u tad-9 ta' Lulju 2020. Il-klassifika li kienet ibbazata fuq ir-regola tal-Last In First Out u anki fuq il-bumping down methodology kontemplat mill-ftehim kollettiv huma sistemi li facli jinftehmu. Imma, l-introduzzjoni ta' l-akkommodazzjoni tac-cirkostanzi personali ta' diversi bdoti kif ukoll l-esigenzi korporattivi fl-allokazzjoni tas-sieghat ta' xoghol ta' bdoti f'hidma estrana ghat-titjier ta' l-ajruplani, ghamlet dak li kien semplici, kumplikat.

Selwyn jispjega li;

> *The more vague and subjective the criteria, the greater is the need to consult with affected employees (Graham v ABF Ltd). It is the employer's responsiblity to set up a fair system of selection, and to administer it fairly.*

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.55

Mhux il-kompetenza tat-Tribunal li jghid kif ghandhom jinhadmu kalkoli teknici u anqas ma hu sa jghid lis-socjeta' min kellu jigi ssensjat u min le imma biss jekk is-socjeta' kienitx ragenovoli jew le meta ma ghadditx din l-informazzjoni qabel li s-sensji kienu effettivi. It-Tribunal ried ukoll jara jekk il-fatt li din l-informazzjoni li ma' kienitx disponibbli ghar-rikorrent wasslitx biex l-esponent ikun realment limitat milli jaghmel proposti biex isalva l-impjieg tieghu.

> *The test essentially is not whether the employment tribunal agrees with the actual selection made by the employer, but whether the employer acted reasonably. This is not the duty of the Tribunal to decide who they would have made redundant had they had to make the choice, but to ensure that managment acts from genuine motives.*

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.60

Wara riflessjoni ta' dan, it-Tribunal jinnota li l-lista ta' dawk issensjati ma kienitx xi wahda semplici li ssegwi ordni semplici ta' sinjorita' minhajr ma jinghataw certu dettalji ta' informazzjoni, spjega u gustifikazzjoni dwar il-valuri abbinati ma' certu individwi u allura l-logika ta' kif saret il-klassifikazzjoni.

It-Tribunal jikkonkludi li dawn il-listi kellhom bzonn certu spjega biex wiehed jifhem ir-razzjonalita' ta' kif gew abbinati il-valuri u allura l-effett li kellhom fuq il-klassifikazzjoni finali. L-argument li s-socjeta' ghaddit lista tas-sinjorita' u li l-kriterju uzat kien tal-last in first out u li dan kien konsistenti mal-klawsola tal-ftehim kollettiv, jghid parti biss mill-istorja imma mhux il-parti relevanti ghal kaz quddiem it-Tribunal. Ghalhekk it-talba ghal spjega kienet legittima u n-nuqqas ta' spjega minn naha tas-socjeta' hija nkonsistenti ma' dak li qalet l-istess socjeta' appellata;

> *"li l-obbligu tal-kumpanija certament kien wiehed fejn min kien qed jiddiskuti fuq in-naha l-ohra tal-mejda f'isem l-impjegati, jkollu l-informazzjoni li kellu bzonn biex jifhem x'kien qed isir"*
>
> Sottomissjonijiet tas-socjeta' para 20.

Dan ifisser li nformazzjoni dettaljata bhal dik mghoddija fid-9 ta' Lulju, 2020 kienet relevanti u materjali ghal dawk il-bdoti fosthom ir-rikorrenti li kienu fuq il-linja ta' bejn dawk li jinzammu fix-xoghol u dawk li jigu ssensjati. Li kieku r-rikorrenti kien klassifikat wara l-post 70 kieku xorta kien ikun nuqqas li s-socjeta' ma ghadditx l-informazzjoni kollha izda ma' kienet tbiddel xejn mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Imma f'dan il-kaz ir-rikorrenti kien vicin hafna mal-linja ta' dawk mizmuma fl-impjieg u dawk issensjati fil-waqt li d-dubbji imressqa huma ukoll plawsibbli li kienu jimmeritaw konsiderazzjoni mis-socjeta'.

Jekk dak li qalet is-socjeta' li l-informazzjoni mitluba kienet ottjenibbli sempliciment b'sorting b'mod automatiku allura ghaliex is-socjeta' ma pprovditx fil-hin propizju l-informazzjoni li talbet l-ALPA? Din l-informazzjoni setghat biss tipprovdi verifika kredibbli tal-klassifika li ghamlet is-socjeta'.

> *c the criterion for selection should not depend solely on the opinion of the person making the selection, but should be one which can be objectively checked,*

Ref – Selwyn Law of Employment 21$^{st}$ Edition para 18.41.

Wiehed irid ifakkar li l-ligi kap 452 titkellem minn informazzjoni relevanti u mhux sempliciment informazzjoni.

*Huwa obbligu li l-principal jgħaddi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha.*

Legislazzjoni sussidjarja 452.80.

Selwyn ikompli jzid li l-informazzjoni trid tkun adekwata li r-rapprezentanti tal-haddiema ikunu jistghu jirrispondu ghaliha.

*True consultation involves giving adequate information to which those representatives can respond.*

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.83

Ma sewa xejn li s-socjeta' nhar id-9 ta' Lulju, 2020 infurmat lil employee representatives li;

*Should Alpa or any of its members have any questions or require any clarifications relating to the selection of specific individals who have been made redundant, then the company would be happy to provide any explanations and/or clarifications required with the intention, as agreed during the meeting to resolve any such potentially perceived disagreements amicably with a view to avoiding unncessary litigation. Ref 259 para 7.*

L-ispjega u l-klarifici kellhom isiru qabel u mhux wara li saru s-sensji u kien dan in-nuqqas tas-socjeta' li ta' l-lok ghal l-istess *misunderstanding* li s-socjeta qalet li riedet tevita'. Ref 259 para 6.

Mhux necessarju li il-principal jaqbel mal-proposti tal-Unjin jew l-impjegat. Konsultazzjoni mhux bilfors twassal ghal ftehim imma trid issir bl'intenzjoni li twassal ghal ftehim. Ghalhekk process ta' konsultazzjoni genwin irid ikun miftuh ghal l-iskrutinju u l-kontabilita' ta' dawk milquta u trasparenti bizzejjed li anki meta l-partijiet ma jaqblux, xorta l-partijiet jkollhom rashom mistrieha li d-decizjonijiet kienu genwini.

It-Tribunal jemmen li kemm il-darba principal ikollu risposti kredibbli ghad-domandi legittimi ta' l-impjegat dwar l-impjieg tieghu, principal tipiku ma kien jiddejjaq xejn jaghti kopja, waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni, tal-lista tad-9 ta' Lulju, 2020 u maghha l-gustifikazzjonijiet necessarji. Principal tipiku kien juza lista bhal din biex isahhah il-

kredibilita’ tieghu u s-sens ta’ gustizzja applikata fl-implementazzjoni ta’ decizjonijiet difficli bhal ma huma l-ghoti ta’ sensji.

Lista finali li abbazi taghha gew moghtija s-sensji kellha tkun miftuha ghall-iskrutinju tan-naha l-ohra tal mejda tan-negozjati. Dan izied fl-importanza tieghu meta jitqies li s-socjeta’ hija entita pubbika u min imexxiha huwa il-gwardjan ta’ assi pubblici u mhux is-sid.

Ghaldaqstant kienet timmerita li din l-informazzjoni tinghata mis-socjeta’ fiz-zmien propizju, igifieri matul il-perjodu ta’ konsultazzjoni, kien obbigu tas-socjeta’ li taghti il-kjarifici kollha necessarji qabel ma’ saru s-sensji u l-appellant kellu ragun jilmenta li dan in-nuqqas zvantaggjah serjament milli jaghmel l-argumenti tieghu u jikkontribwixxi biex isalva l-impjieg tieghu .

Talba għal kumpens

Ir-rikorrenti talab li t-tieni talba tad-dikjarazzjoni tal-Każ tiegħu m’għandix tintlaqa’, madanakollu insista għal għoti ta’ kumpens. Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti para 58.

Hawn it-Tribunal ried iħares lejn it-telf reali li sofra l-appellant, l-opportunitajiet li jsib impjieg ieħor addattat u anki dak li għamel l-appellant b’dawn l-opportunitajiet.

Ir-rikorrenti kellu karriera ta’ kaptan ta’ l-ajruplani li kien investa fiha żmien twil mill-2001 li tul l-istess perjodu qeda tajjeb u fedelment lis-soċjetà’. Kellu karriera u pożizzjoni li ħaddiem tipiku jkun kburi biha. Il-ħiliet tiegħu kienu marbuta speċifikament ma’ qasam specjalizzat li f’pajjiż żgħir bħal Malta mhux faċli biex issib xogħol alternattiv ta’ l-istess natura. Barra minn hekk dawn il-ħiliet mhux faċli jiġu trasferibbli infatti rikorrent kien ingaġġa fi program ta’ studju biex isib mistier ġdid.

Għalhekk meta r-rikorrenti intlaqgħat mis-sensja, din kienet ta’ tbgħatija minn ħafna lati inkluż il-fatt li l-karriera tiegħu dehret li spiċċat. Kienet sitwazzjoni simili għal dak il-futboller professjonist li meta wasal fl-aqwa tiegħu isofri inċident fil-grawnd li żżommu milli jibqa’ jilgħab.

Is-soċjetà’ targumenta li l-appellant kellu l-opportunita’ tal-garanzija tax-xogħol minn għand il-Gvern liema garanzija toffri l-istess dħul għal dak li kellu meta kien impjegat mas-soċjetà’. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 167.

Dan it-Tribunal diġà spjega li tul in-negozjati s-soċjetà’ kellha d-dritt kollu ma tiddiskutix din il-garanzija tax-xogħol għaliex l-istess soċjetà’ ma kienitx parti minn dan l-arrangament. Tenut kont tal-fatt, is-soċjetà’ m’għandha ebda mertu għal din il-garanzija u għaldaqstant ma tistax tuża b’suċċess dan il-fatt biex tagħmel każ għal l-pożizzjoni tagħha. Madanakollu, it-Tribunal

xorta ħares lejn din l-opportunita’ fl-evalwazzjoni tiegħu ta’ l-impenn ta’ l-appellant biex isib xogħol alternattiv u anki biex inaqqas il-telf finanzjarju.

Primarjament, din il-garanzija kienet tiggarantixxi kuntratt ta’ impjieg għal żmien definit sa Diċembru 2022 mal-Gvern ta’ Malta bi dħul komparabbli mas-salarju li l-appellant kellu mas-soċjetà’ appellata. Ir-rikorrenti kien mitlub jgħati s-CV tiegħu lil Resource Support and Services Ltd erba’ xhur wara li kien issensjat, ingħata draft ta’ kuntratt ta’ impjieg f’Novembru 2020 filwaqt li kien ukoll infurmat li kellu jirrapport fil-Land Department. Ref folio 301-302 u 457. L-appellant talab xi kjarifiki u anki r-rwol li sa jingħata fil-Lands Department, liema tarif baqa’ ma ingħatax. Ref folio 714 para 66.

Id-dħul finanzjarju huwa ħafna mportanti iżda mhux għal kulħadd l-aktar important u fil-każ ta’ l-appellant, il-karriera u l-opportunita’ li jkompli jtejjeb il-kompetenzi tiegħu fil-professjoni kienu iżjed important. Għalhekk it-Tribunal ħares lejn l-ittri mill-RSSL u anki d-draft tal-Fixed Term Contract datat 13 ta’ November, 2020 Ref folio 457. F’dan il-kuntratt ta’ xogħol ma jinstab l-ebda indikazzjoni ta’ x’sa tkun ir-rwol ta’ l-appellant;

> *The employee hereby accepts and acknowledges that s/he could, throughout the term of this agreement and at the sole and exclusive discretion of the employer, be deployed to a Government owned entity and/or to a private partnership and/ or to a private entity to perform duties at that same entity.* Ref folio 457

L-emejl ta’ l-RSSL datata 6 ta’ Novembru, 2020 lir-rikorrenti tinformah li d-deployment inizjali tiegħu sa jkun il-Lands Department.

It-Tribunal hawn jistaqsi; kif l-impjegat sa jkun jaf jekk iħossux kompetenti biex jagħmel ix-xogħol il-ġdid li sa jkun mitlub jagħmel jekk anqas jaf x’ħinu x-xogħol li sa jkun inkarigat minnu? Il-ħaddiem għandu d-dritt ikun jaf liema xogħol sa jagħmel biex ikollu l-liberta’ li jaċċetta jew le, l-impjieg.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.31

> *An employee does not act unreasonably in refusing to accept alternative employment if he feels he cannot achieve a satisfactory standard in the new post.*

Li xi ħadd jaħseb li ħaddiem li jintlaqgħat mis-sensja jista’ jintalab jiffirma kuntratt ta’ xogħol mingħajr indikazzjoni tax-xogħol li sa jkun qed jagħmel, huwa ħsieb żbaljat. Il-kuntratt tax-xogħol huwa il Magnia Carta tal-ħaddiema. L-impjegat għandu jkun f’pożizzjoni li jiftaħar bih il-kuntratt tax-xogħol għaliex dan id-dokument huwa marbut direttament mal-ħiliet u l-hidma ta’ l-istess persuna u allura jiddefinixxi b’mod wiesa il-personalita’ tal-ħaddiem

partikolari. Dan kien nieqes mill-kuntratt ippreżentat fl-atti Ref folio 457 u għalhekk it-Tribunal jifhem u jaċċetta għaliex dan il-kuntratt ma kienx għażla plawsibbli għal l-appellant.

It-Tribunal ma waqafx hawn imma ħares lejn l-impenn ta' l-appellant biex isib xogħol alternattiv u mill-atti jidher li xtaq ikun wieħed mill-bdoti sħabu li bħalhom jingħażel biex jaħdem ma' Med Air imma ma' intagħzilx. Ipprova ukoll jaħdem mal-Malta Transport fejn bdoti oħra kollegi kienu ingaġġati imma r-rikorrenti għal darba oħra ma kienx magħżul. Ref folio 714 para 68.

Minkejja dan l-appellant kien bagħat diversi applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u żamm kuntatt kontinwu mal-Jobs Plus għal xi opportunita' valida għalih imma bla suċċess. F'dan il-perjodu l-appellant anki beda kors ta' studju biex iwessa l-opportunitajiet għalih. Ref folio MDG 37-38.

Finalment l-appellant sab xogħol ta' bdot mal-WIZZ AIR li għalkemm ma kienx joffri l-istess kundizzjonijiet vantaġġużi li kellu mas-soċjetà' appellata kien jirrispekkja il-professjoni ta' bdot u l-ħiliet li għalihom kien imħarreġ. L-appellant ħa din l-opportunita' li waslet f'Settembru ta' 2021. Ref folio 905. It-Tribunal jemmen li kieku din l-opportunita' ġiet qabel kien jeħodha qabel ukoll.

Il-ftuħ ta' l-applikazzjonijiet għal bdoti, mis-soċjetà' appellata, sena u nofs wara li ingħataw is-sensji ġiet tard wisq biex ħaddiem professjonali li sadanittant integra ruħu ma' kumpanija oħra, jikkonsidrahom.

Fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti għamel dak li ħaddiem għaqli u li jħares l-iżvilupp tal-karriera tiegħu kien jagħmel.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Wara li t-tribunal eżamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalita' u l-komplessita' tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent il-kaptan Matthew Degiorgio kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skond il-liġi.

**<u>Kumpens</u>**

It-Tribunal jordna kumpens minn għand is-soċjetà għar-rikorrenti ta' Tmenin elf, sitt mija u erba' u disghajn euros (€80,694) li jithallsu fi zmien sitt gimghat minn din id-decizjoni.

Dan motivat kif ġej;

| | |
|---|---|
| Dħul total tar-rikorrenti ghas-sena 2019 folio 980 | €112,294 |
| Differenza minn dan is-salarju ghas-salarju mal-Wizz Air sottomissjonijiet para 66 | €31,600 |
| Salarju kurrenti ta' l-appellant ghal sena shiha | € 80,694 |
| Total ta' kumpenss | €80,694 |

L-ispejjeż tal-kawża għad-debitu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Air Malta plc.

It-Tribunal jiddikjara il-każ magħluq.

**(iffirmat)**
Is-Sur Joseph Gerada
Chairperson

**Vera Kopja**

Graziella Borg

Għas-Segretarju